



25.1.2012

B7-0042/2012

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-Iran u l-programm nukleari tiegħu (2012/2512(RSP))

José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Lena Kolarska-Bobińska, Elmar Brok, Ioannis Kasoulides, Arnaud Danjean, Cristian Dan Preda, Mario Mauro, Michael Gahler, Ria Oomen-Ruijten, Tunne Kelam, Roberta Angelilli, Laima Liucija Andrikienė, Krzysztof Lisek, Gabriele Albertini, Elena Băsesc
f'isem il-Grupp PPE

B7-0042/2012

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Iran u l-programm nukleari tiegħu (2012/2512(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Iran,
- wara li kkunsidra r-Rapport tad-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) tat-8 ta' Novembru 2011 dwar l-Implimentazzjoni tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji NPT u d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill ta' Sigurtà dwar l-Iran,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali tal-IAEA Yukiya Amano lill-Bord ta' Gvernaturi fis-17 ta' Novembru 2011 li hu għandu tħassib serju dwar id-dimensjonijiet militari possibbli għall-programm nukleari tal-Iran u li hemm evidenza li tindika li l-Iran qed jiżviluppa "apparat nukleari splussiv",
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Bord ta' Gvernaturi tal-IAEA tat-18 ta' Novembru 2011,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-UE tal-21 ta' Settembru 2011 f'isem l-E3+3,
- wara li kkunsidra l-ittra tar-Rappreżentant Għoli tal-UE tal-21 ta' Ottubru 2011 lil Dr Saeed Jalili, in-negozjatur nukleari ewlieni tal-Iran,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iran tat-14 ta' Novembru 2011,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-UE tat-18 ta' Novembru 2011 dwar ir-Riżoluzzjoni tal-Bord ta' Gvernaturi tal-IAEA,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-UE tad-29 ta' Novembru 2011 dwar l-attakk u s-sakkeġġ tal-Ambaxxata tar-Renju Unit f'Tehran,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iran tal-1 ta' Diċembru 2011,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Diċembru 2011,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iran tat-23 ta' Jannar 2012,
- wara li kkunsidra l-fatt li l-Iran huwa firmatarju tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (TNP) u bħala tali impenjat ruħha li tabbanduna l-akkwist ta' armi nukleari u hija marbuta legalment li tiddikjara l-attivitàjiet nukleari tagħha kollha, inkluż il-materjal nukleari, u tqegħidhom fis-salvagwardja tal-IAEA,
- wara li kkunsidra l-fatt li s-sospensjoni tal-arrikkiment u rekwiżiti oħra ġew affermati

suċċessivament f' sitt riżoluzzjonijiet (1696, 1737, 1747, 1803, 1835 u 1929) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) bħala prekondizzjonijiet biex id-drittijiet tal-Iran skont it-TNP jerġgħu jiġu kif kienu,

- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 1929 (2010) tal-KSNU li ddaħħal miżuri restrittivi ġodda kontra l-Iran billi timponi r-raba' rawnd ta' sanzjonijiet fuq l-Iran minħabba l-programm nukleari tagħha,
 - wara li kkunsidra s-sanzjonijiet addizzjonali fuq l-Iran imħabbra mir-Renju Unit, l-Istati Uniti, il-Korea t'Isfel u l-Kanada wara r-rapport tal-IAEA,
 - wara li kkunsidra l-vot tal-Parlament Iranjan tas-27 ta' Novembru 2011 biex inaqas ir-relazzjonijiet diplomatiċi tiegħu mar-Renju Unit,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-programm nukleari tal-Iran għandu passat ta' ħabi, li maż-żmien naqqar il-kredibilità tal-pretensjonijiet tal-Iran li l-programm huwa biss għal skopijiet paċifiċi:
- B. billi l-Iran għad irid jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont kull riżoluzzjoni tal-KSNU rilevanti, li l-aktar waħda riċenti fosthom hija r-Riżoluzzjoni 1929 (2010), u r-rekwiżiti kollha tal-Bord ta' Gvernaturi tal-IAEA, li jindikaw aċċess sħiħ u mingħajr kundizzjonijiet mill-Aġenzija għas-siti kollha, għat-tagħmir, għan-nies u għad-dokumenti kollha li jippermettu spezzjoni xierqa tal-iskopijiet nukleari tal-Iran u jagħmluha possibbli għall-IAEA li twettaq ir-rwol tagħha bħala l-għassiesa nukleari;
- C. billi l-Iran għadu qed jikser l-Artikoli II u III tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (TNP);
- D. billi xi wħud mill-politiki tal-Gvern Iranjan jippreżentaw theddida għall-istabilità u l-paċi fir-reġjun;
- E. billi l-IAEA kkonfermat li fl-2007 l-Iran irċieva mingħand individwi fil-Pakistan istruzzjonijiet dwar kif ibiddel l-uranju arrikkit f'metal meħtieġ għal testati u billi l-anness tar-rapport tal-IAEA jiddikjara li l-Iran inġhata l-informazzjoni dwar id-disinn għal apparat nukleari splussiv;
- F. billi fis-27 ta' Diċembru 2011 il-Viċi President Iranjan Reza Rahimi hedded li juża l-forza militari biex jagħlaq l-Istrett ta' Hormuz jekk jiġu imposti sanzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet taż-żejt tal-Iran; billi kien hemm użu addizzjonali tal-forzi navali Ewropej u tal-Istati Uniti biex jiġġieldu kontra din it-theddida u l-istatus militari żdied għal "allarm qawwi" fir-reġjun kollu;
- G. billi l-Iran irrifjuta li jattendi għal-laqgħa tal-IAEA tal-21 ta' Novembru 2011 bi protesta għar-rapport tal-IAEA;
- H. billi r-rapport tal-IAEA tat-8 ta' Novembru 2011 jikkwota li l-Iran ikompli: l-attivitajiet fil-faċilitajiet nukleari tiegħu li jiksru r-riżoluzzjonijiet tal-Bord ta' Gvernaturi tal-IAEA; l-attivitajiet relatati mal-arrikkament - bi ksur tar-riżoluzzjonijiet tal-IAEA - inkluż il-bini

ta' għadd ħafna akbar ta' kaskati ta' ċentrifugazzjoni f'postijiet differenti u r-rata tal-arrikkament li żdiedet sa 20 %, xogħol mhux iddikjarat fuq proġetti relatati mal-ilma tqil - bi ksur tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU u tal-IAEA - xogħol fuq il-konverżjoni tal-uranju u l-produzzjoni tal-fjuwil (bi ksur tar-riżoluzzjonijiet tal-IAEA), u jkompli jonqos milli japplika l-Protokoll Addizzjonali tal-IAEA li jippermetti lill-Aġenzija tiżgura n-nuqqas ta' materjal nukleari mhux iddikjarat u li jkompli ma jwgiebex għat-talba tal-IAEA għal informazzjoni ġdida dwar attivitajiet ta' arrikkament u żviluppi nukleari oħra;

- I. billi r-rapport tal-IAEA u l-anness tiegħu waslu għall-konklużjoni li hemm informazzjoni kredibbli li l-Iran għadu qed jipprova jiżviluppa apparat nukleari splussiv u li qed juża l-programm nukleari tiegħu għal skopijiet militari, inkluż l-iżvilupp ta' testati nukleari għall-missili tiegħu; billi l-Iran beda jarrikkixxi l-uranju għal livell sa 20 % fil-faċilità midfuna fil-fond taħt l-art f'Fordow qrib Qom;
- J. billi fil-5 ta' Jannar 2012 il-Ministru Tork għall-Affarijiet Barranin Ahmet Davutoğlu bagħat stedina mir-Rappreżentant Għoli tal-UE lill-Iran biex ikompli d-diskussjonijiet nukleari mal-P5+1; billi waqt iż-żjara tal-Ministru Tork għall-Affarijiet Barranin, il-Ministru Iranjan għall-Affarijiet Barranin Ali Akbar Salehi stqar illi l-Iran huwa lest li jkompli d-diskussjonijiet;
- K. billi fid-9 ta' Jannar 2012 is-Sur Amir Hekmati, ċittadin Amerikan, li ġie akkużat li kien qed jispija għas-CIA, ġie kkundanat għall-mewt fl-Iran "b'kollaborazzjoni ma' gvern ostili"; billi s-Sur Hekmati ma rċevix proċess ġust u nżamm f'kustodja mingħajr aċċess għall-familja tiegħu, avukat u assistenza konsulari;
1. Itenni li r-riskji ta' proliferazzjoni b'konnessjoni mal-programmi nukleari Iranjani jiqbgħu sors ta' tħassib serju għall-UE u jinsab imħasseb ħafna bid-dikjarazzjoni tar-Rapport tal-IAEA li informazzjoni kredibbli "tindika li l-Iran wettaq attivitajiet rilevanti għall-iżvilupp ta' apparat nukleari splussiv"; huwa mħasseb dwar l-iżvilupp tat-teknoloġija militari nukleari fl-Iran, inklużi testati nukleari għall-missili tiegħu; jikkundanna d-deċiżjoni tal-Gvern Iranjan li jibda operazzjonijiet ta' arrikkament tal-uranju fil-faċilità tiegħu f' Fordow;
2. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Jannar 2012 li jwessa' s-sanzjonijiet eżistenti fuq l-Iran, inkluża projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet taż-żejt mhux raffinat u prodotti tal-Pitrolju Iranjani u l-iffriżar tal-assi tal-bank ċentrali Iranjan fl-UE; jinnota li se jkun hemm embargo mifruq tal-esportazzjonijiet taż-żejt mhux raffinat Iranjan lill-UE u l-kuntratti diġà konklużi għadhom jistgħu jiġu estiżi sal-1 ta' Lulju 2012; jistieden lill-Kunsill jiddeċiedi dwar miżuri meħtieġa biex jikkumpensaw għall-konsegwenzi tal-embargo għall-Istati Membri differenti tal-UE; jistieden lill-UE tiddiskuti ma' pajjiżi bħaċ-Ċina, il-Korea t'Isfel, l-Indja u l-Ġappun, biex ma jikkontradixxux is-sanzjonijiet;
3. Jappoġġa l-impenn tal-Kunsill li jaħdem għal soluzzjoni diplomatika għall-kwistjoni nukleari Iranjana skont l-approċċ fuq żewġ binarji u l-oġettiv tal-UE li tikseb soluzzjoni komprensiva u fit-tul; jistieden lill-awtoritajiet Iranjani jwieġbu b'mod pożittiv għall-offerta għal negozjati sostanzjali kif stabbilit fl-ittra tar-Rappreżentant Għoli tal-UE tal-21 ta' Ottubru 2011, billi juru b'mod ċar li huma lesti jimpenjaw ruħhom f'miżuri li jibnu l-fiduċja u, mingħajr prekondizzjonijiet, f'diskussjonijiet bis-sens sabiex jiġi indirizzat t-

tħassib eżistenti dwar il-kwistjoni nukleari; jistieden lil Viçi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jenfasizzaw lill-Iranjani li ma jistax ikun hemm aktar dewmien fit-tkomplija ta' dawn id-diskussjonijiet u li kull manuvra li tikkawża dewmien mingħajr konċessjonijiet se ddgħajjef l-isforzi għal soluzzjoni diplomatika;

4. Jilqa' d-deċiżjonijiet meħuda mill-Istati Uniti, ir-Renju Unit, il-Korea t'Isfel u l-Kanada li jimponu sanzjonijiet mmirati ġodda fuq l-Iran fid-dawl tar-rapport tal-IAEA; jikkundanna bil-qawwa l-attakk mid-demostraturi fuq l-ambaxxata tar-Renju Unit f'Tehran fid-29 ta' Novembru 2011; jistieden lill-gvern Iranjan jissodisfa l-obbligi nazzjonali tiegħu, inkluża l-Konvenzjoni ta' Vjenna, biex jiproteġi d-diplomati u l-Ambaxxati;
5. Jistieden lill-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri tal-UE jivvalutaw ir-relazzjonijiet kummerċjali mal-Iran lil hinn mis-sanzjonijiet u jintroduċu kontrolli addizzjonali u liċenzji li jipprevjenu l-esportazzjoni ta' teknoloġiji b'użu doppju li jistgħu jintużaw għall-programm nukleari u għall-miżuri mhux demokratiċi tiegħu;
6. Jerġa' jistieden lill-awtoritajiet Iranjani jissodisfaw l-obbligi tal-Iran skont it-TNP; jistieden bil-qawwa kollha lil Tehran jirratifika u jimplimenta l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim tas-Salvagwardji; jikkundanna r-rifjut kontinwu min-naħa tal-Iran li jikkoopera għalkollox mal-IAEA, il-fatt li qed jostakola x-xogħol tal-IAEA, il-fatt li qed jiċħad l-aċċess sħiħ u mingħajr kundizzjonijiet għall-faċilitajiet ewlenin u l-fatt li qed joġġezzjona għall-ħatra ta' spetturi;
7. Jirrikonoxxi li d-djalogu u l-kooperazzjoni mat-Turkija jistgħu jkunu fattur importanti sabiex tinstab soluzzjoni; jistieden lill-awtoritajiet Torok isegwu l-approċċ Ewropew lejn it-theddida nukleari Iranjana;
8. Jikkundanna bil-qawwa t-theddida Iranjana tal-għeluq militari tal-Istrett ta' Hormuz; iħegġegħ lill-awtoritajiet Iranjani ma jimblukkawx l-Istrett ta' Hormuz; jemmen li tali att jista' jwassal għal kunflitt reġjonali u joħloq ritaljazzjoni mill-Istati Uniti u pajjiżi oħra; jitlob li ssir laqgħa urġenti tal-Komitat Militari tal-Unjoni Ewropea u l-Komitat Politiku u ta' Sigurtà biex jippreparaw rispons tal-UE għat-theddida Iranjana;
9. Huwa mħasseb dwar ir-rifjut tar-Russja li tippermetti r-riferiment tal-Iran lill-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU għal aktar sanzjonijiet tan-NU u jittama li l-pożizzjoni Russa terġa' tiġi kkunsidrata fid-dawl tar-rapport tal-IAEA; jistieden lir-Russja twaqqaf l-għajnuna għall-iżvilupp nukleari tal-Iran sakemm l-Iran ikun issodisfa l-obbligi tiegħu skont ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tan-NU;
10. Jikkundanna bil-qawwa l-piena tal-mewt mogħtija lis-Sur Amir Hektami; jistieden lill-awtoritajiet Iranjani jħassru l-piena tal-mewt tiegħu u jipprovdu proċess ġust lis-Sur Hektami b'aċċess għall-familja u l-avukat tiegħu u għas-setgħa ta' protezzjoni Svizzera (Swiss protecting power);
11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viçi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u lill-Parlament tat-Turkija, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa, lid-

Direttur Ġenerali tal-IAEA, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran.